# TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Talba CCT 14/24/F

**Neville Zammit u Carol Debattista Zammit**

**vs**

**Magic Castle Waldorf Childcares**

Illum, 6 ta' Ġunju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-22 ta' Jannar 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fis-26 ta' Frar 2024;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrenti użaw is-servizzi tal-azjenda intimata sabiex binthom ta' 10 xhur tattendi għal servizz ta' *childcare*. Jisħqu li ma kienux sodisfatti bis-servizz mogħti u permezz ta' dawn il-proċeduri qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma globali ta' **sitt mija u tnejn u għoxrin Euro (€622)** li hija komposta mis-segwenti:

- €350 *registration fee*;
- €48 *app registration* fee;
- €49 uniformi;

- €175 kumpens għall-fatt li l-allokazzjoni ta' *free hours* għal Ottubru 2023 intilfet u għalhekk, skont ma jispjegaw, ir-Rikorrenti kellhom iħallsu minn ġewwa għas-siegħat ta' *childcare* f'Ottubru 2023 meta kitbu lit-tifla f'ċentru ġdid.

Illi kemm fl-Avviż tat-Talba kif ukoll fix-xhieda, ir-Rikorrenti jisħqu li minkejja li kitbu lit-tifla tagħhom fiċ-ċentru mmexxi mill-azjenda intimata u xtrawlha l-uniformi, huwa kienu diżappuntati bil-livell ta' servizz mogħti minħabba li in suċċint, qatt ma ingħataw l-opportunità li jiltaqgħu mal-carer li kienet qed tieħu ħsieb lit-tifla tagħhom, għax kien hemm nuqqas ġenerali ta' komunikazzjoni u ma kienitx qed tingħata informazzjoni dwar ikel, irqad u tindif tat-tifla, għax l-unifomi li ġew kostretti jixtru ma kienitx tad-daqs addattat għat-tifla u għax minkejja li r-Rikorrenti applikaw għal 152 siegħa ta' servizz, għal xi raġuni jew oħra l-azjenda intimata reġistrathom għal 208 siegħa mal-iskema tal-Gvern. Finalment, ir-Rikorrenti jilmentaw dwar okkażjoni li kienu infurmati li t-tifla kienet ma tiflaħx meta fil-fatt ma kellha xejn. Riżultat ta' dawn l-allegati nuqqasijiet, ir-Rikorrenti ħarġu lit-tifla tagħhom minn dan iċ-ċentru wara li attendiet għal ġimgħa biss u kitbuha f'ċentru alternattiv.

Illi mill-banda l-oħra, l-azjenda intimata tirribatti li fil-fatt kienet inżammet laqgħa mar-Rikorrenti dwar it-tifla u kienu jingħataw aġġornamenti kontinwi permezz tal-*app* taċ-ċentru. Dwar l-uniformi tgħid li l-*uniform policy* taċ-ċentru kienet spjegata b'mod ċar lir-Rikorrenti qabel ma kitbu lit-tifla u intant, ma kienux ilmentaw dwar id-daqs fil-mument li xtrawha. Dwar il-kwistjoni tal-mard, l-azjenda intimata tirreferi għas-*sickness policy* li tispeċifika li meta t-tfal jippreżentaw b'temperatura għolja, din tiġi verifikata tlett darbiet u jekk jirriżulta li verament għandhom id-deni, jintbagħtu d-dar għall-ġid tagħhom u tat-tfal l-oħrajn. Għalhekk, a bażi ta' dawn ir-raġunijiet isostnu li t-Talba tar-Rikorrenti hija infondata.

Illi mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-azjenda intimata, jidher biċ-ċar li l-ilmenti tar-Rikorrenti dwar nuqqas ta' *updates* dwar it-tifla bl-*app* u r-reluttanza tal-azjenda intimata li ssir laqgħa mal-*carer* huma kemmxejn eżaġerati għax laqgħa kien hemm (għalkemm onlajn) u xi forma ta' aġġornamenti ingħataw tramite l-*app*. Mill-banda l-oħra, l-ispjegazzjoni li tat l-azjenda intimata għalfejn reġistrat mal-iskema tal-Gvern ħafna aktar siegħat milli kienu talbu r-Rikorrenti ftit li xejn hija konvinċneti u tqajjem ċertu dubji dwar il-motivazzjoni wara din il-prattika. Spjegazzjoni dwar għalfejn intilfet l-*absence allowance* tat-tifla għal Ottubru 2023 ma ingħatatx u l-fatt li skont l-azjenda intimata ir-Rikorrenti ma

lmentawx dwar id-daqs ħażin tal-uniformi ftit li xejn jiswa ladarba l-uniformi ġiet imposta fuq bażi *take it or leave it* stante l-*uniform policy.*

Illi fl-assjem taċ-ċirkostanzi, wieħed jista' jifhem li atturi reġa' bdielhom li jibgħatu lil binthom f'dan iċ-ċentru partikolari għax forsi ċerti aspetti tas-servizz ma kienux kif stennew u fejn jidħlu ulied ta' età daqstant tenera, il-fiduċja hija kollox. Mill-banda l-oħra, ma nġiebux provi indikattivi ta' servizz tant orribbli li jiġġustifika l-ħall tal-kuntratt mingħajr ebda' konsegwenza. It-Tribunal għalhekk sejjer iqis din il-vertenza mill-lenti tal-ekwità li jsemmi l-Artikolu 21(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur sabiex jingħata rimedju li huwa ġust u proporzjonali.

Illi *in linea* ma dak appena premess, it-Tribunal sejjer jilqa' din it-Talba parzjalment u bħala likwidazzjoni ta' kumpens iqis *arbitrio boni viri* li r-Rikorrenti ħaqqhom jiġu rifużi nofs ir-*registration fee* (€175), nofs l-*app registration fee* (€24), il-prezz intier tal-uniformi li ġiet provduta f'daqs ħażin (€49) kif ukoll l-ammont intier rappreżentanti l-*absence allowance* mitlufa għal Ottubru 2023 (€175) għal **total ta' €423**.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati fil-korp ta' din is-sentenza, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' erba mija u tlieta u għoxrin Euro (€423), bl-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***